MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 1/2012

**Paul Cassar 253652M**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-16 ta' Dicembru 2011 l-arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

"*Ra l-applikazzjoni tal-appellant datata t-8 ta' Novembru 2010 ghall-Pensjoni Kontributorja (Invalidita').*

*Ra d-decizjoni tal-Bord Mediku tal-4 ta' April 2011.*

*Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tat-2 ta' Mejju 2011 fejn it-talba tal-appellant giet michuda.*

*Ra l-ittra tal-appell tal-1 ta' Gunju 2011 u kif ukoll ic-certifikati medici pprezentati mill-appellant.*

*Sema' lill-appellant fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2011.*

*Ha in konsiderazzjoni l-opinjoni tal-espert mediku prezenti ghas-seduta.*

*Ikkunsidra:*

*Illi l-appellant li ghandu disgha u hamsin sena hadem l-ahhar erbgha snin ilu ma' kumpanija pero' spicca redundant. Huwa pprova jfittex xoghol iehor pero' ma setax jsib impjieg iehor u wara tlett snin u nofs jirregistra ghax-xoghol huwa qata' qalbu u beda jbati minn dipressjoni u ghalhekk issa jhoss illi mhux kapaci jahdem. L-appellant jispjega illi ilu jiehu l-kura ghad-dipressjoni ghal din l-ahhar sena u jghid ukoll illi f'din l-ahhar sena huwa mar ghand il-Psikjatra Dr. Etienne Muscat darbtejn biss, u cioe' darba sabiex japplika ghall-pensjoni in kwistjoni u darba ohra sabiex sabiex jappella mid-decizjoni tad-Direttur. Illi ghalhekk l-appellant naqas milli jipprova skont il-ligi illi huwa ilu taht il-kura psikjatrika ghal sena qabel ma' huwa applika ghall-pensjoni in kwistjoni anzi ghal kuntrarju jghid illi huwa mar ghand Psikjatra l-ewwel darba sabiex japplika. Ghalkemm fl-applikazzjoni tieghu hemm indikazzjoni illi kien taht il-kura tat-tabib tal-familja tieghu l-appellant ma' pprezentax certifikati medici illi jiccertifikaw illi kien ilu taht kura ghad-dipressjoni sa minn sena qabel id-data tal-applikazzjoni.*

*Illi minn ezami tax-xhieda tal-appellant u kif ukoll mic-certifikati ezebiti minnu ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat illi huwa jbati minn mard serju, gravi u permanenti li jinibih milli jahdem hekk kif rikjest mill-**artikolu 26 (1) b' tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta**. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija l-appell qieghed jigi michud u d-decizjoni tad-Direttur qeghda tigi kkonfermata".*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul Cassar datat 16 ta' Jannar 2012 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu

mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata ghar-ragunijiet sovraskritti u konsegwentement tibghat mill-gdid l-applikazzjoni ghas-smigh quddiem l-arbitru jew taghti d-decizjonijiet li jidhrilha li ghandha taghti skont il-ligi. Bl-ispejjez.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Mejju 2012.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta' Socjali) datata 22 ta' Mejju 2012 a fol 9 tal-process fejn sostna li ghar-ragunijiet hemm indikati, id-decizjoni tal-arbitru hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Owen Bonnici ghall-appellanti prezenti, u Dr. Nadya Fiott ghad-direttur appellat, rapprezentat minn George Cremona. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett t' ostakolu ghall-15 ta' Novembru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-arbitru fl-ismijiet premessi datata 16 ta' Dicembru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li l-Arbitru (a) interpreta hazin il-ligi meta sostna li l-applikant irid jipprova li kien taht kura psikjatrika ghal sena qabel ma huwa applika ghall-pensjoni ghaliex il-ligi ma tghidx hekk; (b) mhux minnu li l-ligi tirrikjedi li jrid ikun hemm mard serju, gravi u permanenti biex applikant jiehu tali beneficcju minnu rikjest fil-kaz in ezami; (c) li l-Arbitru ma adoperax il-procedura ta' *fairness* meta naqas li jibghat ghal Dr. Stephen Spiteri u Dr. Etienne Muscat biex flimkien mal-

espert mediku li tipprovdi l-ligi jaraw jekk id-decizjoni tad-Direttur hix korretta jew le.

Illi mid-decizjoni jirrizulta li l-Arbitru sostna li:-

*"Illi ghalhekk l-appellant naqas milli jipprova skont il-ligi illi huwa ilu taht il-kura psikjatrika ghal sena qabel ma' huwa applika ghall-pensjoni in kwistjoni anzi ghal kuntrarju jghid illi huwa mar ghand Psikjatra l-ewwel darba sabiex japplika".*

Illi iktar il-quddiem qal li:-

*"Ghalkemm fl-applikazzjoni tieghu hemm indikazzjoni illi kien taht il-kura tat-tabib tal-familja tieghu l-appellant ma' pprezentax certifikati medici illi jiccertifikaw illi kien ilu taht kura ghad-dipressjoni sa minn sena qabel id-data tal-applikazzjoni".*

Illi mbaghad qalet li:-

*"Illi minn ezami tax-xhieda tal-appellant u kif ukoll mic-certifikati ezebiti minnu ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat illi huwa jbati minn mard serju, gravi u permanenti li jinibih milli jahdem hekk kif rikjest mill-**artikolu 26 (1) b' tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta"**.*

Illi tenut kont ta' dan hawn citat mid-decizjoni tal-Arbitru l-ewwel aggravju tal-appellant huwa ben fondat ghaliex dak li l-ligi u senjatament l-**artikolu 26 (1) (b) tal-Kap. 318** jesigi sabiex applikant ikollu dritt ghal tali beneficcju huwa li huwa ikun qed isofi jew minn inkapacita' permanenti jew jekk din l-inkapacita' permanenti ma tkunx tista' tigi stabbilita definittivament, titqies mid-direttur, li tipprojibixxi dik il-persuna milli jkollha mpjieg *part time* jew *full time* ghal mhux inqas minn sena mid-data tat-talba ghal pensjoni.

Mela allura dak li nghad fid-decizjoni mhux korrett ghaliex mhux rikjest li l-applikant ikun attwalment taht kura f'dan il-kaz psikjatrika ghal sena qabel tali tali talba u fil-fatt il-Ligi ma tghidx hekk; mela allura f'dan il-kaz fl-ewwel zewgt

brani citati hemm interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi li jrendi d-decizjoni tal-Arbitru bhala nulla u bla effett ghall finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Illi dwar it-tielet bran tad-decizjoni tal-Arbitru medessima hawn citat f'dawn il-konsiderazzjonijiet dan huwa wkoll zbaljat ghaliex ma hemm l-ebda htiega li l-marda tkun wahda permanenti. Dan iwassal ukoll ghan-nullita' tal-istess decizjoni.

Illi ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh u ghalhekk l-appell kif interpost fuq din il-bazi huwa ben fondat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad ir-risposta ta' appell datata 22 ta' Mejju 2012 tad-Direttur Generali (Sigurta' Socjali) biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Paul Cassar fir-rikors tieghu tal-appell datat 16 ta' Jannar 2012 biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma' dak hawn deciz, u b'hekk thassar u tannulla d-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet "Paul Cassar vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" datata 16 ta' Dicembru 2011 (Decizjoni tal-Arbitru 478/11 - File tal-Arbitru IP 088/11 Nru. Tal-File 253652 M) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u tibghat lura u tirrinvija l-atti processwali kollha sabiex l-istess talba tal-appellant odjern tigi trattata mill-gdid u deciza skont dak hawn deciz u skont il-ligi minn Arbitru kompetenti.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellat id-Direttur Generali (Sigurta' Socjali)**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------